Mellieħa

24 ta' Jannar 2025

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 9**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għas-seduta tal-Kunsill Lokali numru **8** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2025 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## AĠENDA

8.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

8.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

8.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

8.4. Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

8.5. Estimi Finanzjarji 2025;

8.6. Rendikont finanzjarju – Villaġġ tal-Milied 2024;

8.7. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni finali tal-Estimi 2025;

8.8. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa;

8.9. Sejħa għall-offerti dwar servizz ta' perit;

8.10. Sejħa għall-offerti dwar iż-żamma tal-ġonna pubbliċi;

8.11. Sejħa għall-offerti dwar manutenzjoni ta' bankini u xogħlijiet anċillari oħra;

8.12. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

8.13. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

### 8.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 6 tas-27 ta' Novembru 2024, 7 tat-30 ta' Diċembru 2024, u 8 tad-29 ta' Jannar 2025, rispettivament, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, fit-22 ta' Jannar 2025, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2025, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/36)

Gabriel Micallef (Sindku)
**Proponent**

Rebecca Bartolo Cutajar (Kunsilliera)
**Sekondant**